MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Numru. 69/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**VS**

**Bernice Sciberras, bint Paul u Doreen nee' Camilleri, imwielda Pieta' nhar it-3 ta' Lulju, 1985, residenti fil-fond numru 177, Flat 8, Triq San Kristofru, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita' numru 379885M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Bernice Sciberras** li giet akkuzata talli nhar l-1 ta' Ottubru, 2006, u fix-xhur u snin ta' qabel, fil-Belt Valletta, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' billi alterat zewg licenzji tal-wind screen bin-numru serjali mhux maghruf, uzati fuq vettura tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni KAG258, biex gew jidhru bhala licenzja wahda u gew alterati biex jindikaw illi l-licenzja tiskadi f'Novembru 2006 minflok f'Novembru 2004;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn zewg licenzji tal-windscreen bin-numru serjali mhux maghruf, imwahhla fuq vettura tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni KAG258;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saqet vettura tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni KAG258 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqet l-imsemmija vettura minghajr ma kellha licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kinitx koperta b'licenzja jew polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputata wiegbet illi ma kinitx hatja taghhom.

Rat ukoll illi l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji; kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-istess.

Rat ix-xhieda prodotta.

L-Ispettur Stephen Mallia – l-Ufficjal Prosekutur, xehed dwar l-investigazzjoni li bdiet fil-konfront tal-imputata, meta din giet rintraccatca minn pulizija, issuq vettura bil-plates KAG258, u dwar is-suspett li qanqlet.

Fost l-istharrig illi ghamel dan l-Ispettur, irrizultalu li l-vettura li kienet qed issuq l-imputata, kellha licenzja u insurance skaduti fis-sena 2004, u li kienet registrata fuq certu Joseph Debono li kien bieghha lil James Chircop, u dan minn naha tieghu bieghha lil Bernice, cioe' lill-imputata.

Minn naha tieghu Christopher Darmanin, xehed f'isem l-ADT. Qal dwar Daihatsu Charade ta' kulur ahmar li fis-sena 2003, 10 ta' Ottubru, kienet registrata f'isem Joseph Debono mill-Marsa. Qal illi l-licenzja ta' din il-vettura skadiet f'Novembru, 2004, u kienet ghadha hekk skondtu.

Dwar in-numru KAG784, qal illi din kienet Daihatsu ta' kulur griz, registrata f'isem Clive Agius. Din il-vettura giet skreppjata fl-20 ta' Dicembru, 2005. Xehed ukoll illi Bernice Sciberras (l-imputata), ma kellhix driving license. Dwar ir-registration number DBI096, wiegeb illi din kienet abbinata ma' VW Golf registrata fuq Michelle Caruana. Din kienet licenzja li harget fit-13 ta' Mejju, 2004, u kienet tkopri sat-30 ta' April, 2005.

Dwar il-licenzja li gie muri bis-serial number C676301, qal illi din kienet tikkorrispondi mal-licenzja li harget mal-vettura DBH096, u din harget fit-13 ta' Mejju, 2004. Il-licenzja t-tonda li kienet taqra KAG784, ma kinitx tikkorrispondi mad-data tieghu. Ezebixxa d-dokument Dok CD folio 23.

Minn naha tieghu PS 524 Paul Cassar, xehed illi waqt illi kienu f'patrol il-Belt, lemhu Daihatsu Charade ta' kulur ahmar bin-numru KAG258 li gidbitilhom l-attenzjoni ghall-mod ta' sewqan mifxul. Ghalih il-karozza kienet anke tidher junky, u s-sewwieqa taht l-eta'. Darba li waqqfu din il-vettura, innota li kellha l-licenzja tal-wind screen imwahhla ma kinitx dokument originali, imma photocopy. Muri d-dokument Dok SM2, identifika u gharaf dan id-

dokument li kien imwahhal mal-wind screen bit-tape. Il-licenzja l-ohra gharafha bhala dik illi kienet fil-glove compartment.

PC 626 Giancarlo Benetti, ukoll xehed dwar il-licenzji li ra fuq il-vettura. Xehed illi din kellha licenzja ta’ vettura ohra KAG784. Qal illi fil-vettura, wara tfittxija, kien sab flimkien mal-kollega tieghu zewg licenzji – wahda KAG784 li ma kinux jikkorrispondu mad-Daihatsu Charade. Qal illi miz-zewg licenzji misjuba. Dik KAG784 kienet imwahhla mal-wind screen.

Clive Agius minn naha tieghu qal illi xi hames snin qabel kellu vettura Daihatsu li hu kien ta lil wiehed minn Hal Qormi. Qal illi kienet karozza bajda u li kellha numru tar-registrazzjoni bl-ittri KAG.

Minn naha tieghu Joseph Debono xehed illi kellu karozza Daihatsu li kien bieghha lil wiehed mill-Belt. Qal illi din kienet ta’ kulur ahmar. Xehed ukoll illi kien baqaghlha ftit xhur – xi xahrejn, biex tiskadilha l-licenzja u l-insurance. Gharaf mir-ritratti ezebiti l-karozza tieghu (ghalina dik misjuqa mill-imputata).

Minn naha tieghu Silvan Caruana qal illi hu kien jaf illi d-Daihatsu ta’ Joseph – gar tieghu, kienet ghall-spare parts. Qal ukoll illi kienet ta’ kulur ahmar. Jaf ghax kien jaf bil-bejgh.

James Chircop xehed illi hu kellu Charade Daihatsu bin-numru tar-registrazzjoni KAG258 li kien biegh lil Bernice Sciberras. Qal illi kien baqaghlha xahar biex jiskadu l-licenzja u insurance. Qal ukoll illi kien miftiehem ma’ Bernice li ma kellhix isuq din il-vettura. Pero xehed ukoll illi din Bernice kellha ssuq l-istess ghax kellha attakk tal-asthma. Qal illi meta bieghelha l-vettura din kellha licenzja mal-wind screen, tahielha bil-log book. Taha anke l-insurance. Xehed illi hu bhala licenzji lil Bernice taha dawk tajbin.

Minn naha taghha Michelle Caruana xehdet dwar vettura li kienet registrata fuq isimha, pero baqghet fuq zewgha

wara li huma t-tnejn isseparaw. Ma kinitx taf x'kien sar mill-vettura li kellha numru ta' registrazzjoni DBJ096.

Ikkunsidrat:

Tibda fl-ewwel lok din il-Qorti biex tiddikkjara li hi kienet qed tiskarta l-istqarrija tal-imputata, tenut kont tal-fedina penali taghha, u dan in linea mad-decizjonijiet varji tal-Qrati Kostituzzjonali taghna.

Ezaminati ghalhekk il-provi prodotti, jirrizulta car illi l-imputata kienet qed issuq vettura Daihatsu hamra li kellha license disc bin-numru KAG258 li ma kinx taghha, anzi l-istess license disk ezebita hija kjarament fotokopja, u tidher illi hija dik ta' zewg disks separati, ikkuppjati flimkien.

Irrizulta wkoll illi hi la kienet koperta b'licenzja u lanqas b'insurance.

Certament il-Qorti, ghalkemm ghandha l-prova tal-uzu, m'ghandha ebda prova li kienet l-imputata li ghamlet din l-alterazzjoni, allura li ghamlet il-falsifikazzjoni fuq il-licenzja, ghaldaqstant qed tilliberaha mill-ewwel akkuza;
Issibha hatja pero wara dak premess taz-zewg akkuzi l-ohra, ghalhekk tat-tieni u t-tielet akkuzi, u dan wara li rat l-Artikolu 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 14 tal-AL 476/2004.

Dwar il-piena, din il-Qorti semghet illi l-imputata hija perusna afflitta b'asthma serja, minhabba liema kundizzjoni – qtugh ta' nifs, ikollha bzonn il-karozza ghall-assistenza medika, ghalkemm ebda prova ta' dan ma giet ezebita, ghajr ghal certifikat mediku li jiggustifika l-assenza tal-imputata ghal seduta, ghalhekk qieghda, wara li rat il-fedina penali netta tal-imputata, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal multa ta' hames mitt Ewro(€500)

Tordna wkoll l-iskwalifika taghha milli jkollha jew izzomm licenzji tas-sewqan ghal zmien sitt(6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------